# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF MIRIAM HAYMAN

**Rikors Guramentat Nru.: 270/14MH**

**Illum 29 ta' Jannar, 2016**

**Nazzareno Calleja (ID 978944M)**

**vs**

**A.X.T. Properties Limited (C 31339)**
**u b'digriet tat-18 ta' Marzu, 2015**
**Alan Bonnici ssejjah fil-kawza**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur datat 2 ta' April, 2014, fejn gie premess:

***"1. Illi l-attur huwa proprjetarju tal-fond 'Marble Arch Snack Bar' f'129A, The Strand, Sliema, liema fond ilu jintuza bhala snack bar ghal numru ta' snin.***

***2. Illi s-socjeta` intimata akkwistat il-fond adjacent u cioe` 127/128, The Strand, Gzira, u waqqghet tali fond u minfloku bniet zvilupp konsistenti minn diversi appartamenti u garaxxijiet;***

***3. Illi fil-kors tad-demolizzjoni u kostruzzjoni tal-fond tas-socjeta` intimata, gew ikkawzati danni kbar u ingenti fil-fond di proprjeta` tar-rikorrenti, u dana skont ma jirrizulta anke mir-rapport tal-perit imqabbad mir-rikorrenti datat 20 ta' April, 2012 (hawn anness u mmarkat bhala Dok NC1);***

***4. Illi l-perit tar-rikorrenti rrilaxxja certifikat datat 18 ta' Frar, 2014 fejn ivvaluta l-valur tax-xogholijiet rimedjali mehtiega fil-fond fl-ammont ta'***

*hamsa u erbghin elf Ewro (45,000), liema certifikat huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok. NC2;*

*5. Illi kawza tad-danni li gew ikkawzati fil-fond di proprjeta` tar-rikorrenti, l-istess fond lanqas ma seta' jinkera;*

*6. Illi l-perit tar-rikorrenti rrilaxxja certifikat datat 6 ta' Frar, 2014 fejn ivvaluta l-valur lokatizzju tal-fond fl-ammont ta' sitta u erbghin Ewro u sittin centezmu kuljum (€46.60), liema certifikat huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok NC3;*

*7. Illi minhabba l-fatt li l-fond ma setax la jintuza u lanqas jinkera, l-attur kien konstrett ikompli jhallas l-operating licenses, il-kirja tat-telephone u kif ukoll il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma inutilment, u dana skont ma jirrizulta mill-varji ricevuti hawn annessi u mmarkati Dok NC4 sa Dok NC7;*

*8. Illi minkejja li s-socjeta` intimate giet interpellata ghal diversi drabi sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni kkawzati minnha, anke permezz ta' Ittra Ufficjali datata 11 ta' Ottubru, 2013, hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx;*

*9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Tghid ghalhekk is-socjeta` intimate ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja li jinghataw dawk id-dikjarazzjonijiet u jittiehdu dawk il-provvedimenti li jidhrilha opportuni:*

*1) Tiddikjara s-socjeta` intimata responsabbli ghad-danni kagunati fil-fond "Marble Arch Snack Bar", 129A, The Strand, Sliema di proprjeta` tar-rikorrenti;*

*2) Tillikwida d-danni kagunati mis-socjeta` intimata fil-fond "Marble Arch Snack Bar", 129A, The Strand, Sliema di proprjeta` tar-rikorrenti, okkorrendo bil-hatra ta' periti nominandi;*

*3) Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali datata 11 ta' Ottubru, 2013, u bl-imghax legali, kontra s-socjeta` intimata, rapprezentanti ta' liema huma ingunti minn issa stess ghas-subizzjoni taghhom."*

Rat ir-risposta ta' A.X.T. Properties Limited, li giet konfermata bil-gurament minn Francis Xavier Tabone, Direttur tal-istess socjeta`, li permezz taghha esponiet:

"***1. Illi s-socjeta` intimata m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika, la diretta u lanqas indiretta mas-sit jew il-proprjeta` li r-rikorrent qieghed jindika bhala l-kagun tal-hsarat allegati minnu, u dan stante li l-istess socjeta` la hi u lanqas qatt ma kienet sid il-proprjeta` 127/128, The Strand, Gzira, jew b'xi mod involuta fix-xogholijiet ta' kostruzzjoni jew demolizzjoni tal-istess sit, u ghaldaqstant l-istess socjeta` intimata m'hijiex il-legittimu kontradittur;***

***2. Illi r-rikorrent jehtieg li jressaq dawk il-provi li huwa ghandu li jissustanzjaw l-allegazzjoni kontenuta fit-tieni (2) paragrafu tar-rikors guramentat tieghu, u cioe` li s-socjeta` intimata akkwistat tali fond, kif ukoll li l-istess socjeta` waqqghet l-istess fond u minfloku bniet zvilupp konsistenti minn appartament u garaxxijiet, liema allegazzjoni, jigi umilment sottomess, hija gratwita u infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;***

***3. Illi l-azzjoni attrici hija nulla u bla effett stante li fl-ebda stadju ma tindika z-zmien jew il-perjodu li fih l-allegati Danni gew sofferti, liema indikazzjoni hija necessarja sabiex is-socjeta` intimate tkun, jekk ikun il-kaz, tista' tiddefendi ruhha ahjar, u dna stante li l-azzjoni attrici ghandha ssir fit-terminu ta' sentejn minn meta l-allegat dannu gie soffert u dan a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.***

***Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-Ligi.***"

Rat id-digriet tat-18 ta' Marzu, 2015 li permezz tieghu l-Qorti ordnat is-sejha fil-kawza ta' Alan Bonnici.

Rat ir-risposta ta' Alan Bonnici li permezz taghha espona:

"***1. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta fil-konfront tal-kjamat in kawza Alan Bonnici, u dan stante li l-azzjoni attrici kellha ssir fit-terminu ta' sentejn minn meta l-allegat dannu gie soffert u dan a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;***

***2. Illi l-istess rikorrent ghandu jressaq il-provi dwar it-titolu vantat minnu tal-proprjeta` mertu tal-vertenza odjerna;***

***3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici in kwantu hekk kif diretta fil-konfront tal-kjamat in kawza hija daqstant iehor infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda xogholijiet maghmula mill-istess kjamat in***

***kawza ma wasslu ghall-allegati Danni reklamati mir-rikorrent, u wisq anqas li kellhom iwasslu ghall-eghluq tal-fond tar-rikorrent;***

***4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegati Danni pretizi mir-rikorrent huma esagerati u bla bazi;***

***Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-Ligi.***"

Ikkonsidrat

Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni gew presentati kemm l-affidavit ta' Alan Bonnici il-kjamat in kawza kif ukoll dak ta' l-attur, dan wara li din il-Qorti kif diversament preseduta tat direzzjoni li fl-ewwel lok kellha tigi trattata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (seduta tad-29 ta' April, 2015).

Rat li din il-vertenza thalliet ghat-trattazzjoni fl-20 ta' Novembru, 2015 u wara li semghet l-istess il-Qorti awtorizzat lill-partijiet li jipprezentaw nota ta' referenzi, fatt dan li debitament sar minn kull parti hekk interessata u cioe` l-attur u l-kjamat in kawza.

Rat li l-Qorti halliet ghas-sentenza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghad 29 ta' Jannar, 2016.

Rat ghalhekk bir-reqqa s-sentenzi citati fiz-zewg noti presentati.

Ikkunsidrat

Din id-decizjoni hija wahda li tittratta dwar il-vertenza li nqalghet bejn il-partijiet in vista tal-ewwel u r-raba' eccezzjoni moghtija mill-kjamat in kawza u cioe` li l-azzjoni attrici ghad-danni kienet preskritta bit-terminu ta' sentejn u li inoltre l-ammont pretiz huwa wiehed "*esagerat*". In kwantu ghal din ir-raba' eccezzjoni, l-attur isostni li moghtija din, cioe` darba li l-kjamat in kawza qieghed jikkontesta l-ammont in kwantu jesigi li dana huwa wiehed "*esegerat*" allura kien qieghed jirrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni tieghu ta' preskrizzjoni.

Jinghad ukoll illi ghalkemm in-noti ta' referenza kienu biss immirati fuq dan il-punt u cioe` l-inkompatibilta` tal-ewwel eccezzjoni mar-raba' wahda, dejjem koncernanti dawk tal-kjamat in kawza, fit-trattazzjoni l-partijiet anke trattaw dwar jekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni per se ghandhiex tintlaqa'. Din il-Qorti pero` in vista ta' dak trattat u n-noti lilha prezentati sejra primarjament tezamina jekk l-ewwel eccezzjoni hix wahda li tista' guridikament tigi sostnuta, la darba

kif giet hekk attakata min-naha tal-parti attrici, hija meqjusa nkompatibbli mar-raba' eccezzjoni. Huwa biss jekk il-Qorti tiddeciedi mod iehor li tghaddi biex tezamina jekk fil-fatt l-azzjoni hux preskritta fit-terminu ndikat.

Ezaminat ghalhekk u bir-reqqa l-affidavits presentati, dejjem fil-konfront ta' l-inkompatibilta mressqa. Fl-affidavit tieghu Alan Bonnici fil-fatt in sostenn tar-raba' eccezzjoni tieghu jghid illi l-attur kien beda jaghmel talbiet bla sens in kwantu ghad-dannu allegatament minnu soffert.

Illi rat ghalhekk is-sentenzi kollha li ghalihom ghamlu referenza l-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-pern ta' din il-kwistjoni huwa jekk kif sostna l-attur illi darba li qed jigi kontestat l-ammont, ghax meqjus esaegerat, (ir-raba' eccezzjoni ta' Alan Bonnici) allura ma tistax treggi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni in kwantu dawn iz-zewg eccezzjonijiet huma inkompatibbli u ghalhekk Bonnici ghandu jigi meqjus li qed jirrinunzja ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni. Min-naha tieghu Alan Bonnici jsostni li r-raba' eccezzjoni tieghu nghatat bla pregiudizzju u li ghandha wkoll tinqara mat-tielet eccezzjoni tieghu ghaliex skontu ebda xogholijiet maghmula minnu ma kkagunaw id-danni reklamati. Jinsisti ghalhekk li r-raba' eccezzjoni ma tistax tinqara ad eskluzjoni tat-tielet wahda.

Tibda l-Qorti biex tghaddi biss dan il-kumment skjett dwar din il-vertenza u cioe` li hawn mhux qed jigu decizi la t-tielet u lanqas ir-raba' eccezzjoni li huma it-tnejn certament intrinsikament marbuta mal-mertu li s'issa mhux qed jigi ezaminat. Pero` in ezami tar-rinunzja allegata tqis il-Qorti li huwa kemm xejn kontrarjo senso li jigi argumentat li Bonnici ma kkaguna ebda dannu lill-attur bix-xogholijiet minnu maghmula, pero` fl-istess nifs isahhah illi dak pretiz mill-attur bhala danni huwa fil-konfront tieghu esagerat. Jew ma hu dovut xejn in kwantu Bonnici ma ghamel ebda danni, jew id-danni mitluba huma fl-ammont pretiz esegerati. Dan qed jinghad biss stante li l-kjamat in kawza talab lill-Qorti taqra r-raba' eccezzjoni konguntivament mat-tielet wahda. Dan l-argument fil-fatt huwa rifless anke fl-ezami tal-vertenza n kwistjoni.

Tista tghid il-Qorti li kemm il-kjamat in kawza kif ukoll l-attur taw studju tajjeb tas-sentenzi li jikkoncernaw il-vertenza in ezami cioe` l-allegata rinunzja ghal preskrizzjoni.

Il-Qorti in ezami ta' din il-kwistjoni se taghmel ampja referenza ghad-decizjonijiet riferuti mill-partijiet u ohrajn hekk relatati. Ghalhekk insibu li fl-Appell Civili 2499/1999/1 fl-ismijiet **Carmelo Abdilla u martu Michelina**

**Abdilla et vs Francis Gloria Crockford et** deciza fis-26 ta' Gunju, 2009 il-Qorti qalet hekk fir-rigward tal-eccezzjonijiet moghtija:

"It-tieni aggravju tal-appellanti huwa li l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-kwistjoni li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma inkonciljabbli u inkompatibbli. L-appellanti jsostnu li l-eccezzjoni tal-konvenuti li t-talbiet attrici huma "*privi minn kull fundament guridiku u fattwali*" hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, liema eccezzjoni ghalhekk ma setghet qatt tigi milqugha. Il-konvenuti appellati taw zewg eccezzjonijiet fin-nota taghhom. L-ewwel wahda hija li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili u t-tieni wahda hija li minghajr pregudizzju ghal dan, it-talbiet attrici huma privi minn kull fundament guridiku u fattwali. **Hawn, ghalhekk, ma kienx hemm kontestazzjoni da parti tal-appellati li dan id-debitu kien jezisti jew li ghalkemm id-debitu kien jezisti, l-ammont kien anqas milli dak li qed jitolbu l-kredituri. Huwa f'dawn il-kazijiet li jkun hemm inkompatibilita` mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li ghalhekk ma tistax tinghata.**

Hawn jidher li l-konvenuti appellati eccepew, flimkien mal-preskrizzjoni, li l-pretensjoni tal-appellanti hija nieqsa minn kull fundament fattwali jew legali, jigifieri l-inezistenza totali ta' debitu. Din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li tesprimi ruhha dwar dan il-punt fil-kawza fl-ismijiet **Lorry sive Lawrence Cuschieri vs L-Onorevoli Ministru tal-Ambjent et**, deciza fit-22 ta' Frar, 2005. Hemm intqal *inter alia* li gej:

"Fuq dan il-punt jidher li kien hemm xi ftit ta' konflitt fil-gurisprudenza, pero` fis-sentenza **Giuseppe Schembri vs Giuseppe Chircop** deciza fl-14 ta' Jannar, 1955 (Vol. XXXIX-1-54), il-Qorti tal-Appell irriteniet illi fis-sistema legali Maltija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija kompatibbli mal-eccezzjoni tal-**inezistenza totali tad-debitu**. Il-Qorti tal-Appell irriteniet illi: *"(Il)-gurisprudenza taghna l-aktar ricenti (Kollez. Vol. XXVIII-I-2971; Vol. XXX-I-9762; Vol. XXXII-I-9613 u Vol. XXXIV-I-3294) ma ghadhiex tammetti t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi, bhal dik in ezami, huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagament, ghaliex il-gurament li l-eccipjent jigi msejjah jiehu mhux dak li hu hallas, izda li mhux debitur, u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hija kompatibili ma' eccezzjonijiet ohra li jwasslu ghall-konsegwenza li l-eccipjent mhux debitur."* (ara wkoll fl-istess sens **Alex Caruana vs Joseph Vassallo** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Dicembru, 1978). Il- Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghaliex il-formula tal-gurament preskritta fil-Kodici taghna ghal preskrizzjonijiet qosra hija diversa mill-formola tal-gurament preskritta fil-Kodici Taljan u dak Franciz, u ghalhekk fis-sistema tal-Kodici taghna, l-eccezzjoni tal-kontestazzjoni tad-debitu mhix inkompatibbli ma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-fatt, fis-sentenza **Amadeo Wismayer vs Ugo Naudi** deciza fil-5 ta' Frar 1932, il-Qorti tal-Appell osservat hekk: *"Che*

*contrariamente a quanto opino la prima Corte basandosi sul giudicato di questa Corte profferito il 25 febbraio 1925 in re "***Chircop versus Azzopardi***" (Collezione Volume XXIV, Parte I, pagina 353), e da prescegliere la giurisprudenza contraria che, considerando aver l'articolo 1924 dell'Ordinanza No. VII del 1868, dissimile da quello 2142 del Codice Civile Italiano e 2275 del Codice Civile Francese, stabilito una formola tutta propria del giuramento da deferirsi a coloro che oppongono le prescrizioni brevi per cui essi non possono validamente dare una tale eccezione se con giuramento non dichiarino di non essere debitori o di non ricordarsi che la cosa sia stata pagata, mentre la formola del giuramento adottata nei detti codici continentali fa qualificare quella prescrizione come presuntiva del pagamento del debito, ritenne che il giuramento di non essere debitore puo estendersi anche al caso che la obbligazione non sia mai esistita e che percio` si possa eccepire la prescrizione compatibilmente con la contestazione del debito (Appello: "***Portelli versus Barbara***" 20 aprile 1910 Collezione XXI-I-200; "***Caruana Mamo versus Mifsud Speranza***" 16 maggio 1925; e "***Fenech versus Bugeja***", 10 aprile 1926, Vol. XXVI, I, sezione 3, pagine 255 e 300)."*

7. Ghaldaqstant a bazi ta' dan kollu li intqal dan l-aggravju qed jigi michud."

Jirrizulta ghalhekk car gia minn wahda mis-sentenzi citati mill-istess kjamat in kawza li l-Qrati nostrani qiesu inkompatibbli l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma' wahda li tikkontesta l-ammont tad-debitu nnifsu a kontrarju ta' l-affermazjoni tal-konvenut li hu mhux debitur in kwantu tali hija element ta l-istitut tal-gurament konfessorju. Huwa veru li l-konvenut fit-tielet eccezzjoni tieghu jiddefendi ghat-talbiet attrici billi jecepixxi li min-naha tieghu hu ma kkaguna ebda dannu allura xejn minnu ma hu dovut, pero` hu ma waqafx hemm, zied ukoll difiza ohra; il-kontestazzjoni ta' l-ammont mitlub minnu nkwantu qiesu bhala wiehed esegerat (anke jekk huwa ammont li ghad irid jigi stabbilit u likwidat).

Decizjoni ohra li ghalija ghamel referenza l-kjamat in kawza hija dik ta' **Mizzi vs Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri datata 20 ta' Ottubru, 2004, Appell Civili Numru 1590/1998/1. F'din is-sentenza l-Qorti ghamlet studju akkurat tal-principji u l-elementi li ghandhom iwasslu ghar-rinunzja tal-preskrizzjoni minhabba rikonoxximent tad-debitu u ziedet tghid li tali rikonnoxximent minhabba li jgib mieghu l-abbandun ta' dritt akkwisitiv jinhtieg li jkun wiehed car u inekwivoku u li "*fejn jezisti dubju serju* (ghal dan) *ghandu jmur favur dak li kontra tieghu tkun qeghda tigi akkampata rinunzja ghad-dritt*". (**Kollez. Vol XXXIII pl p44)**. F'din is-sentenza l-Qorti kienet fil-fatt qed tezamina r-rinunzja tal-preskrizzjoni fejn ikun hemm trattattivi u negozjati

bejn il-partijiet; sostniet il-Qorti li dawn ma jwasslu qatt ghar-rinunzja tal-preskrizzjoni.

Fin-nota ta' referenzi tal-istess kjamat in kawza nsibu wkoll referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Civili Inferjuri fl-ismijiet **Austin Psaila vs Lother Slabick** deciza fid-9 ta' Frar, 2005. Hawn ukoll il-Qorti taghti succinct ta' atti li jistghu jwasslu ghal rikonnoxximent tad-dejn bil-konsegwenza ta' rinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni:

*"Illi l-gurisprudenza tghallem illi gharfien tal-jedd mid-debitur irid ikun wiehed car u univoku. Inoltre semplici kollokwji jew konversazzjonijiet bejn il-kreditur u d-debitur ma jammontawx ghal rikonoxximent tad-dejn u ghalhekk ma jistghu qatt jinterrompu l-preskrizzjoni jew inkella jigu interpretati bhala rinunzja da parti tad-debitur ghal preksrizzjoni li ikun idekorra favur tieghu. (ara sentenza PA 15.10.2003 –* ***Perit Arkitett Joseph Barbara vs Segretarju tal-War Damage Commission****, u wkoll Appell Superjuri 30.05.2003 –* ***Domenic Department Stores Ltd. vs Malta Dairy Products Ltd.****) "*

Omissis

*"Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas****, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament****, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts".*

L-enfasi li hawn taghmel din il-Qorti fejn jirrigwarda d-dilazzjoni tal-pagament hija in kwantu tirrispekkja d-difiza mressqa li l-ammont pretiz hu esegerat allura timplika d-dilazzjoni tieghu ghas-sodisfazzjon tal-hlas.

Harsa lejn is-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-attur insibu li dawna huma kollha riflettenti tal-principju li darba kkontestat l-ammont, dana jwassal ghal rinunzja tal-preskrizzjoni.

Ghalhekk insibu fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Civili fl-ismijiet **Peter Paul Muscat u Antonia Muscat vs Peter Muscat Scerri** et deciza fis-26 Ta' Gunju, 2009:

*"(iii) Fil-kawza* ***Vella vs Cefai noe****, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2001, intqal li filwaqt illi l-eccezzjoni tal-pagament ma kenitx inkompatibbli ma' dik tal-preskrizzjoni, gie minn dejjem sostnut illli hija inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dik ta' inezistenza assoluta tal-kreditu jew dik tal-*

*kompensazzjoni. Fl-istess sens hija s-sentenza moghtija minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Vella vs Moby Rentals Ltd.** **Anke jekk, it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` kjamata in kawza tingara fis-sens li t-talba tal-attur hi esagerata (ghax ghad-danni li sofra gja` nghata rimedju), tali eccezzjoni twaqqa' dik ta' preskrizzjoni kif inghad minn din il-Qorti fil-kawza Aluminium Ltd. . Earli Ltd., deciza fis-16 ta' Frar, 2004.*** **(enfasi tal-Qorti)**

*Kwindi, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi milqugha."*

L-istess principju ta l-inkompatibilita tal-eccezzjoni ta' ammont esegerat ma dik tal-preskrizzjoni nsibuha ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Xavier Fenech vs Stephen George Steiner** kif ikkonfermata mill-Appell 52/2007/1 fejn l-ewwel Qorti qalet hekk f'dan ir-rigward:

*"Illi anke li kieku l-artikolu tal-ligi citat mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni partikolari kellu jigi kunsidrat minn dan it-Tribunal li japplika ghall-kaz in dizamina, din l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni jkollha t-tendenza li tfalli xorta wahda fid-dawl tal-eccezzjoni l-ohra li qajjem l-istess konvenut li l-ammont mitllub huwa wiehed esagerat. Il-konvenut ma llimitax ruhu li jeccepixxi l-preskrizzjoni, u permezz ta' eccezzjoni ohra jikkontendi li l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat. Kif gie stabilit mill-Qrati taghna li 'eccezzjoni li l-ammont mitlub huwa esagerat, hija inkonsistenti mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. **Din l-eccezzjoni ma tistax ma tinftehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu izda wkoll bhala kontestazzjoni tal-quantum**.' [Qorti tal-Appell, '**Guido J. Vella vs Dr. Emmanuele G. Cefai**', 05.10.2001; Qorti tal-Appell, **Aluminium Ltd. vs EARLI Ltd.**, 16.02.2004; Appell Inferjuri, **Mary Rose Tabone vs Silvio Vassallo pro et noe**, 24.03.2004; Appell Inferjuri, **Pace Associates Ltd. vs Drawing Techniques Ltd.**, 07/12/2005]."* ( Emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti).

Fid-decizzjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Mary Rose Tabone qabel Stellini vs Silvio Vassallo** pro et noe deciza fil-24 ta' Marzu, 2004; App 618/20001/1 nsibu;

*"Issokta jigi osservat ukoll illi "jekk id-debitur jirrikonixxi d-dejn dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anke prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li rrikonoxximent ikun ghall-kwantita` kollha dovuta, u jista'jirrigwarda kreditu illikwidu" (**Kollez. Vol. XLIII pII p744**;**Vol XLV pII p632**)."*

*"Gie sewwa ritenut illi fejn id-debitur ma jichadx id-dejn* ***imma sempliciment jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur****, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri ("***Anthony Fenech et noe –vs- John Saliba***", Qorti Kummerc, 21 ta' April 1971; "***Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe***", Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Dan japplika wkoll jekk ir-rikonoxximent isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni ("***Alfredo Borg –vs- Carmelo Brincat et***", Appell Civili 5 ta' Gunju 1959)."* ( Emfasi tal-Qorti).

Fid-decizzjoni fl-ismijiet **Vincent Buttigieg vs Qala St.Joseph Football Club** Citaz. Nru 72/2005 ta' 14 ta' Dicembru, 2007 insibu ukoll ritenut;

*"Kienet tkun differenti l-kwistjoni kieku per ezempju l-kontestazzjoni kienet dwar il-quantum. ….."* ***vi ha rinunzia tacita alla prescrizione quando il debitore senza negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammonto dovuto, e la espressione come sopra usata del convenuto ( li ma kelux jaghti daqshekk) dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore, ma non riconosceva come esatta la somma da costui pretesa****" (Vol XXVI.i.441) citata fil-kawza fl-ismijiet* ***Anthony Guilliamier vs Joseph Aveta nomine*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Dicembru 1998."* ( emfasi tal-Qorti)

Dan il-principju tal-inkompatibilita` tal-eccezzjoni li tikkontesta l-*quantum* ma dik ta' preskrizzjoni huwa fil-fatt wiehed ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna tant li frankament il-Qorti tista' tibqa' ticcita sentenzi b'din il-konkluzjoni *ad naseum*. Huwa fil-fatt kontrarju sensu li persuna l-ewwel tilqa' ghat-talbiet attrici billi tinvoka a favur taghha t-trapass taz-zmien preskrittiv meta fl-istess nifs tibqa' tinsisti anke jekk bla pregiudizzju li l-ammont jibqa' in kontestazzjoni, ghax jew insistenti li mhux l-ammont kollu huwa dovut jew li ebda ammont mhu dovut minhabba li ghadda z-zmien permess mill-ligi ghal azzjoni tal-irkupru tieghu. Jekk jibqa' in kontestazzjoni l-ammont, il-*quantum,* allura d-dibattitu huwa u ghandu jkun fuq dak li hu korrettement dovut u mhux fuq dak li gie mitluf bit-trapass taz-zmien. It-triq li ghazel id-debitur tirrifletti car il-kelma tal-ligi ( Artikolu 2109 Kap 16) dwar ir-rinunzja ghal preskrizzjoni ghax fil-fehma ta' din il-Qorti kien ferm explicitu fil-konfront tal-kontestazzjoni tieghu bil-konsegwenzi li wassluh ghar-rinunzja.

Punt iehor li trid tissoleva l-Qorti fir-rigward tas-sentenzi citati mill-kjamat in kawza hu li f'ebda wahda minn dawn ma nsibu l-eccezzjoni li *quantum* tad-dovut huwa kontestat bhala esagerat. Is-sentenzi hemm riferuti jezaminaw l-elementi tar-rinunzja nnifisha u x' m'ghandux jew ghandu iwassal ghaliha.

In linea ma' dan il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak li nsibu fl-istudju tal-Kodici Civili Taljan "**Commentario Breve al Codice Italiano**" g. Cian e A. Trabucchi undicesima edizione Giorgio Cian pagna 2937:

*"Si ritengono invece incompatibili con la volonta` di avvalersi della prescrizione il pagamento di un acconto o di rate d'intertessi (AZZARTI-SCARPELLO Tutela dei Diritti Comm.SB, 238****), la richiesta di una dilazione****, la promessa di pagare a breve scadenza e la dichiarazione di essere pronto alla resa dei conti; …"* (emfasi tal-Qorti).

Illi ghaldaqstant il-Qorti qeghda tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni dik li l-ammont mitlub mill-attur huwa preskritt billi tqis illi l-kjamat fil-kawza rrinunzja ghall-istess la darba kkontesta l-ammont fir-raba' eccezzjoni tieghu bhala wiehed esagerat. In kwantu hekk il-Qorti mhux se tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni nnifisha.

Spejjez ghandhom jkunu a kariku tal-kjamat in kawza Alan Bonnici.

Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.
Imhallef

John Muscat
Dep. Reg.